# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 151

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 58

18 ta' Ġunju 2015


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/931 tas-17 ta' Ġunju 2015 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi** [1] ........................ 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/932 tas-17 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 20

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/933 tas-17 ta' Ġunju 2015 li jiffissal-koeffiċjent(i) ta' allokazzjoni li għandhom jiġu applikati għall-kwantitajiet li għalihom japplikaw il-liċenzji ta' importazzjoni ppreżentati mill-5 sat-12 ta' Ġunju 2015 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 għal xi ċereali li joriġinaw mill-Ukraina .................... 22


DEĊIŻJONIJIET


★ **Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/934 tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tat-12 ta' Ġunju 2015 li taħtar Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja** .................... 24


RAKKOMANDAZZJONIJIET


★ **Rakkomandazzjoni Nru 1/2015 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija tas-17 ta' Marzu 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija (2013–2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġjata fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat [2015/935]** .................... 25


(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

## Rettifika


★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1242/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew Marittimu u s-Sajd rigward il-preżentazzjoni ta' data (dejta) kumulattiva rilevanti dwar l-operazzjonijiet** (ĠU L 334, 21.11.2014) 26

★ **Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1243/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti tad-data (dejta) u s-sinerġiji bejn sorsi potenzjali tad-dejta** (ĠU L 334, 21.11.2014) .................. 26

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/931

**tas-17 ta' Ġunju 2015**

**li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 33(2) u (3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ([2]) jipprevedi perjodu biex il-korpi ta' kontroll u l-awtoritajiet ta' kontroll jissottomettu t-talba tagħhom għal rikonoxximent bi skop ta' konformità skont l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Peress li l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rigward l-importazzjoni ta' prodotti konformi għadha qed tiġi evalwata u l-linji gwida, il-mudelli, il-kwestjonarji u s-sistema ta' trażmissjoni elettronika meħtieġa relatati għadhom qed jiġu żviluppati, l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' talbiet mill-korpi ta' kontroll u mill-awtoritajiet ta' kontroll għandha tiġi mtawla.

(2) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni u effiċjenza tal-proċedura ta' rikonoxximent tal-korpi ta' kontroll u tal-awtoritajiet ta' kontroll għall-iskop tal-konformità u l-ekwivalenza, fi kwalunkwe żmien tas-sena r-rappreżentanti ta' dawk il-korpi ta' kontroll jew l-awtoritajiet ta' kontroll għandhom ikunu jistgħu jintroduċu talbiet għall-inklużjoni fil-listi previsti fl-Artikoli 3 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008. Għandha għalhekk tiġi mħassra id-data ta' skadenza annwali li sa qabilha talbiet bħal dawn għandhom jiġu rċevuti.

(3) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi li s-sistemi tal-produzzjoni u l-miżuri tal-kontroll tagħhom għall-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli huma rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

(4) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Awstralja, l-awtorità kompetenti rilevanti nbidlet.

(5) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Ġappun, l-isem u l-indirizz tal-Internet ta' diversi korpi ta' kontroll tal-pajjiż inbidlu.

(6) Minn informazzjoni mogħtija mir-Repubblika tal-Korea, l-indirizz tal-Internet tal-awtorità kompetenti rilevanti għandu jiġi inkluż.

([1]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).

(7) L-inklużjoni fil-lista tat-Tuneżija tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2015. Wara l-miżuri korrettivi li ttieħdu u t-titjib li sar mit-Tuneżija fir-rigward tas-sistema ta' kontroll tal-pajjiż, huwa xieraq li l-inklużjoni tat-Tuneżija fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 tkun estiża għal perjodu mhux speċifikat.

(8) L-inklużjoni fil-lista tal-Istati Uniti tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2015. Minħabba li l-Istati Uniti għadhom jissodisfaw l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-inklużjoni għandha tittawwal għal perjodu mhux speċifikat.

(9) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jistabbilixxi l-lista tal-korpi ta' kontroll u tal-awtoritajiet ta' kontroll li huma kompetenti biex iwettqu kontrolli u joħorġu ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-iskop tal-ekwivalenza.

(10) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Abcert AG" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodott A u D għall-Albanija, l-Armenja, il-Bożnja-Ħerzegovina, il-Kosovo ([1]), il-Kirgiżistan, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro, is-Serbja, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Uzbekistan, u għall-kategorija tal-prodott B, għall-Moldova.

(11) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Afrisco Certified Organic, CC" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu tar-rikonoxximent tagħha għan-Namibja, l-Afrika t'Isfel, is-Sważiland, iż-Żambja u ż-Żimbabwe għall-kategorija tal-prodott B.

(12) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mingħand "Agreco R.F. Göderz GmbH" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategorija tal-prodott A għall-Bolivja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Burkina Faso, il-Kambodja, Cape Verde, il-Kolombja, Kuba, ir-Repubblika Dominikana, l-Ekwador, l-Eġittu, El Salvador, l-Etjopja, Fiġi, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Georgia, il-Gwatemala, il-Ħonduras, l-Indoneżja, l-Iran, il-Każakistan, il-Kenja, il-Kirgiżistan, Madagascar, il-Mali, il-Montenegro, in-Nepal, in-Nikaragwa, in-Niġerja, Papua New Guinea, il-Paragwaj, il-Perù, il-Filippini, Samoa, is-Senegal, is-Serbja, il-Gżejjer Solomon, l-Afrika t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Surinam, it-Tanzanija, it-Tajlandja, it-Togo, Tonga, it-Turkmenistan, Tuvalu, l-Uganda, l-Użbekistan, il-Venezwela u l-Vjetnam, u għall-kategorija tal-prodott D għall-Burkina Faso, il-Kolombja, Kuba, l-Etjopja, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Kenja, il-Mali, il-Messiku, in-Nepal, in-Nikaragwa, in-Niġerja, Papua New Guinea, il-Paragwaj, il-Filippini, is-Senegal, l-Afrika t'Isfel, is-Sri Lanka, is-Surinam, Tuvalu, l-Uganda, l-Urugwaj u l-Vjetnam.

(13) "Austria Bio Garantie GmbH" għarrfet lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha fil-pajjiżi terzi kollha li għalihom kienet rikonoxxuta.

(14) "BCS Öko-Garantie GmbH" innotifikat lill-Kummissjoni dwar il-bidla fl-isem għall-"Kiwa BCS Öko-Garantie GmbH".

(15) Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "BCS Öko-Garantie" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategorija tal-prodott B għall-Kenja, il-Mongolja, l-Emirati Gharab Magħquda u l-Vjetnam, għall-kategorija tal-prodott E għall-Kenja u l-Mongolja, u għall-kategorija tal-prodott F għall-Bangladexx, il-Bhutan, il-Kolombja, Fiġi, in-Nepal, Papua New Guinea, Singapor u l-Afrika t'Isfel.

(16) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Bioagricert S.r.l." sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodott A u D lejn l-Iran u l-Vjetnam.

(17) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Bio Latina Certificadora" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategorija tal-prodott A fin-Nikaragwa u l-Perù. Barra minn hekk, "Bio Latina Certificadora" għarrfet lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha għall-kategorija tal-prodott C fil-Perù.

---

([1]) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

(18) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Caucacert Ltd" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu tar-rikonoxximent tagħha għall-Georgia għall-kategoriji tal-prodott B u F.

(19) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "CCPB Srl" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodott A u D għall-Mali. Barra minn hekk, "CCPB Srl" informat lill-Kummissjoni li hija biddlet l-indirizz.

(20) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "CERES Certification of Environmental Standards GmbH" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategorija tal-prodott A għall-Kambodja, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Laos, Madagascar, il-Malasja, il-Możambik, il-Myanmar/Burma, in-Namibja, in-Nikaragwa, il-Panama, Samoa, Timor Leste, l-Urugwaj, il-Venezwela u ż-Żimbabwe, għall-kategorija tal-prodott B lill-Myanmar/Burma u l-Urugwaj, għall-kategorija tal-prodott D lill-Kambodja, El Salvador, il-Gwatemala, il-Ħonduras, il-Laos, Madagascar, il-Malasja, il-Możambik, il-Myanmar/Burma, in-Namibja, in-Nikaragwa, il-Panama, Samoa, Timor Leste, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Urugwaj, il-Venezwela u ż-Żimbabwe, u għall-kategorija tal-prodott F lejn iċ-Ċina, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u s-Serbja.

(21) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Certificadora mexicana de Productos y Procesos ecológicos S.C." sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategorija tal-prodott A lejn il-Kolombja.

(22) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Control Union Certifications" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent għall-kategorija tal-prodott A għall-Alġerija, l-Ażerbajġan, il-Bolivja, iċ-Ċilì, El Salvador, il-Gambja, il-Gwatemala, in-Nikaragwa, ir-Russja u s-Sudan, għall-kategorija tal-prodott B għall-Ażerbajġan, il-Bolivja, iċ-Ċilì, El Salvador, il-Gambja, il-Gwatemala, in-Nikaragwa, ir-Russja u s-Sudan, għall-kategorija tal-prodott C għall-Alġerija, l-Ażerbajġan u r-Russja, għall-kategorija tal-prodott D għall-Alġerija, l-Ażerbajġan, il-Bolivja, iċ-Ċilì, El Salvador, il-Gambja, il-Gwatemala, in-Nikaragwa, ir-Russja u s-Sudan, u għall-kategoriji ta' prodotti E u F għall-Ażerbajġan u r-Russja.

(23) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Ecocert SA" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent għall-kategorija tal-prodotti A fl-Etjopja u t-Tajwan, għall-kategorija tal-prodotti C lejn il-Ġappun, għall-kategorija tal-prodott D għaċ-Ċilì u t-Tajwan u għall-kategorija tal-prodott E lejn il-Kolombja u Kuba.

(24) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Ecoglobe" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Afganistan, l-Armenja, il-Bjelorussja, l-Iran, il-Każakistan, il-Kirgiżistan, il-Pakistan, ir-Russja, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Ukraina u l-Uzbekistan għall-prodotti tal-kategorija B.

(25) F'dawn l-aħħar xhur il-Kummissjoni rċeviet diversi notifiki mill-Istati Membri rigward volum għoli ta' konsenji ta' prodotti organiċi importati fl-Unjoni mill-Ukrajna li fihom residwi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li mhumiex permessi fil-biedja organika skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([1]). Il-merkanzija kkonċernata kienet ġiet iċċertifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 minn "Ekolojik Tarim Kontrol Organizasyonu" (ETKO). Wara informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni minn ETKO u eżami fuq il-post tal-attivitajiet tagħha mill-korp ta' akkreditazzjoni tagħha, ġew dokumentati nuqqasijiet serji fil-kontrolli mwettqa u għadd sostanzjali ta' nuqqasijiet ta' konformità, li kollha flimkien indikaw nuqqas ta' funzjonament sistematiku tal-miżuri ta' kontroll applikati. Deher ukoll li ETKO ma kinitx f'pożizzjoni li tieħu miżuri korrettivi adegwati fir-rigward tan-nuqqasijiet irrappurtati u b'reazzjoni għall-ksur serju osservat. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeżisti r-riskju għall-konsumaturi li jiġu mqarrqa dwar in-natura vera tal-prodotti ċċertifikati minn ETKO. Konsegwentement, ETKO għandha tiġi rtirata mill-lista skont il-punti (d), (e) u (f) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

(26) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "IMO Control Latinoamérica Ltda." sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodotti A u D għall-Panama u s-Surinam.

(27) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "IMO-Control Sertifikasyon Tic. Ltd Şti" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu tar-rikonoxximent tagħha għat-Turkija għall-kategoriji tal-prodott B u E.

(28) "IMO Institut für Marktökologie GmbH" għarrfet lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha fil-pajjiżi terzi kollha li għalihom kienet rikonoxxuta.

(29) "Indocert" għarrfet lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha għall-kategorija tal-prodotti C.

(30) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "IMOswiss AG" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent għall-kategorija tal-prodott A għall-Kambodja, il-Gambja, l-Iran, il-Laos, il-Malasja, il-Myanmar/Burma, l-Oman, l-Arabja Sawdija u s-Surinam, għall-kategorija tal-prodotti B għall-Etjopja u għall-kategorija D għall-Baħamas, il-Kambodja, il-Gambja, il-Ħonduras, l-Iran, il-Laos, il-Malasja, il-Myanmar/Burma, l-Oman u l-Arabja Sawdija.

(31) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba mill-"Istituto Certificazione Etica e Ambientale" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodott A u D għall-Kosta tal-Avorju.

(32) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Lacon GmbH" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-kategorija tal-prodott D jista' jinkludi l-inbid. Barra minn hekk, huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent għall-kategorija tal-prodott A fil-Bhutan, il-Brażil, l-Indoneżja, Mauritius, in-Niġerja, is-Senegal, is-Sri Lanka, l-Uganda u l-Emirati Għarab Magħquda, għall-kategorija tal-prodott B fMadagascar, il-Marokk, is-Senegal, is-Serbja u t-Tanzanija, u għall-kategorija tal-prodotti D fil-Bhutan, il-Brażil, l-Indoneżja, il-Mali, Mauritius, in-Niġerja, is-Senegal, is-Sri Lanka u l-Uganda.

(33) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Letis S.A." sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent għall-kategorija tal-prodotti A għall-Gżejjer Cayman, l-Ekwador u l-Messiku, u għall-kategorija tal-prodott D għall-Gżejjer Cayman u l-Ekwador.

(34) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "NASAA Certified Organic Pty Ltd" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodott A u D lejn iċ-Ċina.

(35) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Organic Control System" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodott A u D għall-Montenegro.

(36) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Organic Standard" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent għall-kategorija tal-prodott A għall-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Georgia, il-Każakistan, il-Kirgiżistan, il-Moldova, ir-Russja u l-Uzbekistan, għall-kategorija tal-prodott B lill-Georgia u għall-prodotti tal-kategorija D għall-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Bjelorussja, il-Georgia, il-Każakistan, il-Kirgiżistan, il-Moldova, ir-Russja u l-Uzbekistan. Barra minn hekk, l-informazzjoni riċevuta, wasslet għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu tar-rikonoxximent tagħha għall-Bjelorussja u l-Ukraina għall-kategoriji tal-prodott C, E u F.

(37) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Organización Internacional Agropecuaria" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' il-kamp ta' applikazzjoni tar-rikonoxximent tagħha għall-Arġentina għall-prodotti tal-kategorija D, inkluż l-inbid, u li jestendu l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent għall-kategorija tal-prodott A għall-Bolivja u l-Paragwaj, għall-kategorija tal-prodott C lejn il-Brażil u l-Urugwaj, u għall-kategorija D għall-Bolivja, il-Brażil u l-Paragwaj.

(38) "SGS Austria Controll-Co. GmbH" għarrfet lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha fil-pajjiżi terzi kollha li għalihom kienet rikonoxxuta.

(39) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat talba minn "Soil Association Certification Limited" sabiex ikunu emendati l-ispeċifikazzjonijiet tagħha. L-eżami tal-informazzjoni mogħtija wassal għall-konklużjoni li huwa ġustifikat li jitwessa' l-ambitu ġeografiku tar-rikonoxximent tagħha għall-kategoriji tal-prodott A u D għall-Alġerija, il-Baħamas, Ħong Kong, il-Malawi, Samoa, Singapor u l-Vjetnam.

(40) "Suolo e Salute srl" għarrfet lill-Kummissjoni li hija temmet l-attivitajiet ta' ċertifikazzjoni tagħha fis-Serbja.

(41) It-tul ta' żmien tal-inklużjoni ta' diversi korpi ta' kontroll fil-lista jintemm fit-30 ta' Ġunju 2015. Ibbażata fuq is-superviżjoni kontinwa mwettqa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, it-tul taż-żmien tal-inklużjoni tal-korpi ta' kontroll ikkonċernati għandu jiġi estiż sat-30 ta' Ġunju 2018.

(42) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 kif emendat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 355/2014 ([1]) fih żball b'rabta man-numru tal-kodiċi għan-Nepal għall-korp ta' kontroll "Onecert, Inc". Jeħtieġ li dak l-iżball jiġi kkoreġut.

(43) Ir-Regolament (KE) No 1235/2008 għandu għalhekk jiġi emendat u ikkoreġut kif suppost.

(44) Billi r-referenzi għat-30 ta' Ġunju 2015 bħala d-data li fiha tiskadi l-inklużjoni fil-listi fl-Annessi III u IV għar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jeħtieġ li jiġu emendati f'ħin debitu, l-emendi rilevanti għandhom japplikaw mit-30 ta' Ġunju 2015.

(45) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk għandhiex tirrikonoxxi u tinkludi korp ta' kontroll jew awtorità ta' kontroll fil-lista pprovduta fl-Artikolu 3 malli tirċievi talba għall-inklużjoni minn rappreżentant tal-korp tal-kontroll jew tal-awtorità ta' kontroll ikkonċernat fuq il-bażi tal-mudell ta' applikazzjoni disponibbli mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2). Talbiet kompluti li jaslu qabel il-31 ta' Ottubru 2016 biss ser jitqiesu għat-tħejjija tal-ewwel lista."

(2) Fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk għandhiex tinkludi korp ta' kontroll jew awtorità ta' kontroll fil-lista pprovduta fl-Artikolu 10 malli tirċievi talba għall-inklużjoni minn rappreżentant ta' korp ta' kontroll jew ta' awtorità ta' kontroll ikkonċernata fuq il-bażi tal-mudell ta' applikazzjoni disponibbli mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17(2). Huma biss it-talbiet kompluti li ser jitqiesu għall-aġġornament tal-lista."

(3) L-Anness III huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(4) l-Anness IV huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 355/2014 tat-8 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 106, 9.4.2014, p. 15).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, il-punti (4) u (5) tal-Anness I u l-punt (33) tal-Anness II għandhom japplikaw mill-30 ta' Ġunju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-entrata dwar l-Awstralja, il-punt 4 qed jinbidel b'dan li ġej:

"4. **Awtorità kompetenti:** Dipartiment tal-Agrikoltura, www.agriculture.gov.au/biosecurity/export/organic-bio-dynamic"

(2) Fl-entrata li tittratta l-Ġappun, il-punt 5 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Ir-ringiela li tittratta l-kodiċi JP-BIO-007 tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "JP-BIO-007 | Bureau Veritas Japan, Inc. | http://certification.bureauveritas.jp/cer-business/jas/nintei_list.html" |

(b) Ir-ringiela li tittratta l-kodiċi JP-BIO-009 tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "JP-BIO-009 | Overseas Merchandise Inspection Co., Ltd | http://www.omicnet.com/omicnet/services-en/organic-certification-en.html" |

(c) Ir-ringiela li tittratta l-kodiċi JP-BIO-010 tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "JP-BIO-010 | Organic Farming Promotion Association | http://yusuikyo.web.fc2.com/" |

(d) Ir-ringiela li tittratta l-kodiċi JP-BIO-018 tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "JP-BIO-018 | Organic Certification Association | http://yuukinin.org" |

(3) Fl-entrata dwar ir-Repubblika tal-Korea, il-punt 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. **Awtorità kompetenti:** Ministeru tal-Agrikoltura, l-Ikel u l-Affarijiet Rurali, www.enviagro.go.kr/portal/en/main.do"

(4) Fl-entrata li tittratta t-Tuneżija, il-punt 7 qed jinbidel b'dan li ġej:

"7. **It-tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat."

(5) Fl-entrata li tittratta l-Istati Uniti, il-punt 7 qed jinbidel b'dan li ġej:

"7. **It-tul taż-żmien tal-inklużjoni:** mhux speċifikat."

*ANNESS II*

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-entrata dwar "**Abcert AG**," il-punt 3 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Ir-ringieli li ġejjin qed jiddaħħlu fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "L-Albanija | AL-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| L-Armenja | AM-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Bożnija-Ħerzegovina | BY-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kosovo [1] | XK-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kirgiżistan | KG -BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | MK-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Montenegro | ME-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Serbja | RS-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| It-Taġikistan | TJ-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| It-Turkmenistan | TM-BIO-137 | x | — | — | x | — | — |
| L-Użbekistan | UZ-BIO-137 | x | — | — | x | — | —" |

(b) Fir-ringiela dwar il-Moldova, qed jiżdied salib fil-kolonna B;

(c) fl-aħħar tat-tabella qed tiżdied nota f'qiegħ il-paġna dwar il-Kosovo:

"[1] Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo."

(2) Fl-entrata dwar "**Afrisco Certified Organic, CC**", fil-punt 3, fir-ringieli li jikkonċernaw in-Namibja, l-Afrika t'Isfel, is-Sważiland, iż-Żambja u ż-Żimbabwe, qed jiżdied salib fil-kolonna B.

(3) Fl-entrata dwar "**Agreco R.F. Göderz GmbH**", fil-punt 3 qed jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Bolivja | BO-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Bożnija-Ħerzegovina | BA-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Burkina Faso | BF-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kambodja | KH-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Cape Verde | CV-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Kolombja | CO-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kuba | CU-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Ir-Repubblika Dominikana | DO-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| L-Ekwador | EC-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| L-Eġittu | EG-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| El Salvador | SV-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| L-Etjopja | ET-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Fiġi | FJ-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | MK-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Georgia | GE-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Gwatemala | GT-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Honduras | HN-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| L-Indoneżja | ID-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| L-Iran | IR-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Każakistan | KZ-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Kenja | KE-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kirgiżistan | KG-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Madagascar | MG-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Mali | ML-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Messiku | MX-BIO-151 | — | — | — | x | — | — |
| Il-Montenegro | ME-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| In-Nepal | NP-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| In-Nikaragwa | NI-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| In-Niġerja | NG-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Papua New Guinea | PG-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Paragwaj | PY-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Perù | PE-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Filippini | PH-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Samoa | WS-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Is-Senegal | SN-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Serbja | RS-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Gżejjer Solomon | SB-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| L-Afrika t'Isfel | ZA-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Sri Lanka | LK-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Surinam | SR-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tanzanija | TZ-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| It-Tajlandja | TH-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| It-Togo | TG-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Tonga | TO-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| It-Turkmenistan | TM-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Tuvalu | TV-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| L-Uganda | UG-BIO-151 | x | — | — | x | — | — |
| L-Urugwaj | UY-BIO-151 | — | — | — | x | — | — |
| L-Użbekistan | UZ-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Venezwela | VE-BIO-151 | x | — | — | — | — | — |
| Il-Vjetnam | VN-BIO-151 | x | — | — | x | — | —” |

(4) L-entrata sħiħa dwar “**Austria Bio Garantie GmbH**” hija mħassra.

(5) L-entrata sħiħa dwar “**BCS Öko-Garantie GmbH**” hija mħassra.

(6) Fl-entrata dwar “**Bioagricert S.r.l.**”, fil-punt 3, ir-ringieli li ġejjin huma mdaħħla fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| “L-Iran | IR-BIO-132 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Vjetnam | VN-BIO-132 | x | — | — | x | — | —” |

(7) Fl-entrata dwar “**Bio Latina Certificadora**”, il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fir-ringiela dwar in-Nikaragwa, qed jiżdied salib fil-kolonna A;

(b) fir-ringiela dwar il-Perù, qed jiżdied salib fil-kolonna A u s-salib fil-kolonna C huwa mħassar.

(8) Fl-entrata dwar “**Caucacert Ltd**”, fil-punt 3, qed jiżdied salib f'kolonni B u F fir-ringiela dwar il-Georgia,.

(9) L-entrata dwar “**CCPB Srl**” hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Indirizz: Viale Masini 40126, 36 Bologna, l-Italja”

(b) Fil-punt 3, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Mali | ML-BIO-102 | x | — | — | x | — | —" |

(10) Fl-entrata dwar "**CERES Certification of Environmental Standards GmbH**", il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Ir-ringieli li ġejjin qed jiddaħħlu fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Kambodja | KH-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| El Salvador | SV-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Gwatemala | GT-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Honduras | HN-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Laos | LA-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Madagaskar | MG-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Malasja | MY-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Mozambique | MZ-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Myanmar/Burma | MM-BIO-140 | x | x | — | x | — | — |
| In-Namibja | NA-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| In-Nikaragwa | NI-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Panama | PA-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Samoa | WS-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Timor Leste | TL-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| L-Emirati Gharab Magħquda | AE-BIO-140 | — | — | — | x | — | — |
| L-Urugwaj | UY-BIO-140 | x | x | — | x | — | — |
| Il-Venezwela | VE-BIO-140 | x | — | — | x | — | — |
| Iż-Żimbabwe | ZW-BIO-140 | x | — | — | x | — | —" |

(b) fir-ringiela dwar iċ-Ċina, qed jiżdied salib fil-kolonna F;

(c) fir-ringiela dwar L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, qed jiżdied salib fil-kolonna F;

(d) fir-ringiela dwar is-Serbja, qed jiżdied salib fil-kolonna F.

(11) Fl-entrata dwar "**Certificadora Mexicana de productos y procesos ecológicos S.C.**", fil-punt 3 qed tiżdied ir-ringiela li ġejja:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Kolombja | CO-BIO-104 | x | — | — | — | — | —" |

(12) Fl-entrata dwar "**Control Union Certifications**", fil-punt 3 qed jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "L-Alġerija | DZ-BIO-149 | x | — | x | x | — | — |
| L-Ażerbajġan | AZ-BIO-149 | x | x | x | x | x | x |
| Il-Bolivja | BO-BIO-149 | x | x | — | x | — | — |
| Iċ-Ċilì | CL-BIO-149 | x | x | — | x | — | — |
| El Salvador | SV-BIO-149 | x | x | — | x | — | — |
| Il-Gambja | GM-BIO-149 | x | x | — | x | — | — |
| Il-Gwatemala | GT-BIO-149 | x | x | — | x | — | — |
| In-Nikaragwa | NI-BIO-149 | x | x | — | x | — | — |
| Ir-Russja | RU-BIO-149 | x | x | x | x | x | x |
| Is-Sudan | SD-BIO-149 | x | x | — | x | — | —" |

(13) Fl-entrata dwar "**Ecocert SA**", il-punt 3 qed jinbidel kif ġej:

(a) Ir-ringieli li ġejjin qed jiddaħħlu fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Iċ-Ċilì | CL-BIO-154 | — | — | — | x | — | — |
| L-Etjopja | ET-BIO-154 | x | — | — | — | — | — |
| It-Tajwan | TW-BIO-154 | x | — | — | x | — | —" |

(b) fir-ringiela dwar il-Kolombja, qed jiżdied salib fil-kolonna E;

(c) fir-ringiela li tittratta Kuba, qed jiżdied salib fil-kolonna E;

(d) fir-ringiela li li tittratta l-Ġappun, qed jiżdied salib fil-kolonna C.

(14) fl-entrata dwar "**Ecoglobe**", fil-punt 3, fir-ringieli li jikkonċernaw l-Afganistan, l-Armenja, il-Bjelorussja, l-Iran, il-Każakistan, il-Kirgiżistan, il-Pakistan, ir-Russja, it-Taġikistan, it-Turkmenistan, l-Ukrajna u l-Użbekistan, qed jiżdied salib fil-kolonna B.

(15) L-entrata dwar "**Ekolojik Tarim Kontrol Organizasyonu**" hija mħassra.

(16) Fl-entrata dwar "**IMO Control Latinoamérica Ltda.**", fil-punt 3, qed jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Panama | PA-BIO-123 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Surinam | SR-BIO-123 | x | — | — | x | — | —" |

(17) Fl-entrata dwar "**IMO-Control Sertifikasyon Tic. Ltd Şti**," fil-punt 3 qed jizdied salib fil-kolonni B u E fir-ringiela li tittratta t-Turkija,

(18) L-entrata sħiħa dwar "**IMO Institut für Marktökologie GmbH**" hija mħassra.

(19) Fl-entrata dwar "**Indocert**", fil-punt 3, fir-ringiela li tittratta l-Indja, is-salib f'kolonna C huwa mħassar.

(20) Fl-entrata dwar "**IMOswiss AG**", il-punt 3 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Ir-ringieli li ġejjin qed jiddaħħlu fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Bahamas | BS-BIO-143 | — | — | | x | — | — |
| Il-Kambodja | KH-BIO-143 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Gambja | GM-BIO-143 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Honduras | HN-BIO-143 | — | — | — | x | — | — |
| L-Iran | IR-BIO-143 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Laos | LA-BIO-143 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Malasja | MY-BIO-143 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Myanmar/Burma | MM-BIO-143 | x | — | — | x | — | — |
| L-Oman | OM-BIO-143 | x | — | — | x | — | — |
| L-Arabja Sawdija | SA-BIO-143 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Surinam | SR-BIO-143 | x | — | — | x | — | —" |

(b) Fir-ringiela li tittratta l-Etjopja, qed jiżdied salib fil-kolonna B.

(21) Fl-entrata dwar l-"**Istituto Certificazione Etica e Ambientale**", fil-punt 3 qed tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Kosta tal-Avorju | CI-BIO-111 | x | — | — | x | — | —" |

(22) Qed tiddaħħal l-entrata l-ġdida li ġejja:

**"'Kiwa BCS Öko-Garantie GmbH'**

1. Indirizz: Marientorgraben 3-5, 90402 Nürnberg, Il-Ġermanja

2. Indirizz tal-Internet: http://www.bcs-oeko.com

3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| L-Albanija | AL-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Alġerija | DZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Angola | AO-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Armenja | AM-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Ażerbajġan | AZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| Il-Bangladesh | BD-BIO-141 | x | — | — | x | — | x |
| Il-Bjelorussja | BY-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Benin | BJ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Butan | BT-BIO-141 | x | — | — | x | — | x |
| Il-Bolivja | BO-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Botswana | BW-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Brażil | BR-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Kambodja | KH-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Iċ-Chad | TD-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Iċ-Ċilì | CL-BIO-141 | x | x | x | x | — | x |
| Iċ-Ċina | CN-BIO-141 | x | x | x | x | x | x |
| Il-Kolombja | CO-BIO-141 | x | x | — | x | — | x |
| Il-Costa Rica | CR-BIO-141 | — | — | x | — | — | — |
| Il-Kosta tal-Avorju | CI-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Kuba | CU-BIO-141 | x | x | — | x | — | — |
| Ir-Repubblika Dominikana | DO-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Ekwador | EC-BIO-141 | x | x | x | x | x | — |
| L-Eġittu | EG-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| El Salvador | SV-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| L-Etjopja | ET-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Georgia | GE-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Fiġi | FJ-BIO-141 | x | — | — | x | — | x |
| Il-Ghana | GH-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Gwatemala | GT-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Haiti | HT-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Honduras | HN-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| Hong Kong | HK-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Indja | IN-BIO-141 | — | — | — | x | — | — |
| L-Indoneżja | ID-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Iran | IR-BIO-141 | x | x | — | x | — | — |
| Il-Ġappun | JP-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kenja | KE-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Kosovo (1) | XK-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Kirgiżistan | KG-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Laos | LA-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Lesoto | LS-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | MK-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Malawi | MW-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Malasja | MY-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Messiku | MX-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Moldova | MD-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Mongolja | MN-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Montenegro | ME-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Marokk | MA-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Mozambique | MZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Myanmar/Burma | MM-BIO-141 | x | — | x | x | — | — |
| In-Namibja | NA-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| In-Nepal | NP-BIO-141 | x | — | — | x | — | x |
| In-Nikaragwa | NI-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| L-Oman | OM-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Panama | PA-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Papua New Guinea | PG-BIO-141 | x | — | — | x | — | x |

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodotti | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| Il-Paragwaj | PY-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Perù | PE-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| Il-Filippini | PH-BIO-141 | x | — | x | x | — | — |
| Ir-Russja | RU-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| L-Arabja Sawdija | SA-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Is-Senegal | SN-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Serbja | RS-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Singapore | SG-BIO-141 | x | — | — | x | — | x |
| L-Afrika t'Isfel | ZA-BIO-141 | x | x | — | x | x | x |
| Il-Korea t'Isfel | KR-BIO-141 | x | — | x | x | x | — |
| Is-Sri Lanka | LK-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Sudan | SD-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Sważiland | SZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Polineżja Franċiża | PF-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tajwan | TW-BIO-141 | x | — | x | x | — | — |
| It-Tanzanija | TZ-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| It-Tajlandja | TH-BIO-141 | x | — | x | x | x | — |
| It-Turkija | TR-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| L-Uganda | UG-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| L-Ukrajna | UA-BIO-141 | x | — | — | x | x | — |
| L-Emirati Għarab Magħquda | AE-BIO-141 | x | x | — | x | — | — |
| L-Urugwaj | UY-BIO-141 | x | x | — | x | x | — |
| Il-Venezwela | VE-BIO-141 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Vjetnam | VN-BIO-141 | x | x | x | x | — | — |

([1]) Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244/99 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

4. Eċċezzjonijiet: Prodotti fil-fażi tal-konverżjoni, prodotti koperti bl-Anness III

5. Perjodu ta' inklużjoni fil-lista: sat-30 ta' Ġunju 2018."

(23) L-entrata dwar "**LACON GmbH**" hija emendata kif ġej:

(a) il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(i) qed jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Butan | BT-BIO-134 | x | — | — | x | — | — |
| L-Indoneżja | ID-BIO-134 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Mawrizju | MU-BIO-134 | x | — | — | x | — | — |
| In-Niġerja | NG-BIO-134 | x | — | — | x | — | — |
| Is-Senegal | SN-BIO-134 | x | x | — | x | — | — |
| Is-Sri Lanka | LK-BIO-134 | x | — | — | x | — | — |
| L-Uganda | UG-BIO-134 | x | — | — | x | — | —" |

(ii) fir-ringiela li tittratta l-Brażil, qed jiżdied salib fil-kolonni A u D;

(iii) fir-ringiela li tittratta l-Madagaskar, qed jiżdied salib fil-kolonna B;

(iv) fir-ringiela li tittratta l-Mali, qed jiżdied salib fil-kolonna D;

(v) fir-ringiela li tittratta l-Marokk, qed jiżdied salib fil-kolonna B;

(vi) fir-ringiela li tittratta s-Serbja, qed jiżdied salib fil-kolonna B;

(vii) fir-ringiela li tittratta t-Tanzanija, qed jiżdied salib fil-kolonna B;

(viii) fir-ringiela li tittratta l-Emirati Għarab Magħquda, qed jiżdied salib fil-kolonna A;

(b) fil-punt 4, il-kelma "inbid" tithassar.

(24) Fl-entrata dwar "**Letis S.A**", fil-punt 3, qed jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Gżejjer Kajman | KY-BIO-135 | x | — | | x | — | — |
| L-Ekwador | EC-BIO-135 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Messiku | MX-BIO-135 | x | — | — | — | — | —" |

(25) Fl-entrata dwar "**NASAA Certified Organic Pty Ltd**", fil-punt 3 qed tiddaħħal ir-ringiela li ġejja:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Iċ-Ċina | CN-BIO-119 | x | — | — | x | — | —" |

(26) Fl-entrata dwar "**Onecert, Inc.**", fil-punt 3, ir-ringiela li tittratta n-Nepal tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "In-Nepal | NP-BIO-152 | x | — | — | x | — | —" |

(27) Fl-entrata dwar "**Organic Control System**", fil-punt 3 qed jiddaħħlu r-ringieli li ġejjin:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Montenegro | ME-BIO-162 | x | — | — | x | — | —" |

(28) Fl-entrata dwar "**Organic Standard**", il-punt 3 huwa emendat kif ġej:

(a) Ir-ringieli li ġejjin qed jiddaħħlu fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "L-Armenja | AM-BIO-108 | x | — | — | x | — | — |
| L-Ażerbajġan | AZ-BIO-108 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Georgia | GE-BIO-108 | x | x | — | x | — | — |
| Il-Kazakastan | KG-BIO-108 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Kirgiżistan | KZ-BIO-108 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Moldova | MD-BIO-108 | x | — | — | x | — | — |
| Ir-Russja | RU-BIO-108 | x | — | — | x | — | — |
| L-Użbekistan | UZ-BIO-108 | x | — | — | x | — | —" |

(b) fir-ringiela li tittratta l-Bjelorussja qed jiżdied salib f'kolonni C, D, E u F;

(c) fir-ringiela li tittratta l-Ukrajna, qed jiżdied salib fil-kolonni C, E u F.

(29) Fl-entrata dwar "**Organización Internacional Agropecuaria**", il-punt 3 qed jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-pajjiżi terzi, in-numri tal-kodiċijiet u l-kategoriji tal-prodotti kkonċernati:

| Pajjiż terz | Numru tal-kodiċi | Kategorija tal-prodott | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | A | B | C | D | E | F |
| L-Arġentina | AR-BIO-110 | — | — | x | x | — | — |
| Il-Bolivja | BO-BIO-110 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Brażil | BR-BIO-110 | x | — | x | x | — | — |
| Il-Messiku | MX-BIO-110 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Panama | PA-BIO-110 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Paragwaj | PY-BIO-110 | x | — | — | x | — | — |
| L-Urugwaj | UY-BIO-110 | x | x | x | x | — | —" |

(30) L-entrata sħiħa dwar "**SGS Austria Controll-Co. GmbH**" hija mħassra.

(31) Fl-entrata dwar "**Soil Association Certification Limited**", fil-punt 3 ir-ringieli li ġejjin huma mdaħħla fl-ordni alfabetika xierqa:

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "L-Alġerija | DZ-BIO-142 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Bahamas | BS-BIO-142 | x | — | — | x | — | — |
| Hong Kong | HK-BIO-142 | x | — | — | x | — | — |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Malawi | MW-BIO-142 | x | — | — | x | — | — |
| Samoa | WS-BIO-142 | x | — | — | x | — | — |
| Singapore | SG-BIO-142 | x | — | — | x | — | — |
| Il-Vjetnam | VN-BIO-142 | x | — | — | x | — | —” |

(32) Fl-entrata dwar “**Suolo e Salute srl**”, fil-punt 3, ir-ringiela li tittratta s-Serbja hija mħassra.

(33) Fl-entrati dwar “Abcert AG”, “Agreco R.F. Göderz GmbH”, “Albinspekt”, “ARGENCERT SA”, “Australian Certified Organic”, “Bioagricert S.r.l.”, “BioGro New Zealand Limited”, “Bio Latina Certificadora”, “Bolicert Ltd”, “Caucacert Ltd”, “CCOF Certification Services”, “CCPB Srl”, “CERES Certification of Environmental Standards GmbH”, “Certificadora Mexicana de productos y procesos ecológicos S.C.”, “Certisys”, “Control Union Certifications”, “Doalnara Certified Organic Korea, LLC”, “Ecocert SA”, “Ecoglobe”, “Ekolojik Tarim Kontrol Organizasyonu”, “Florida Certified Organic Growers and Consumers, Inc. (FOG), DBA as Quality Certification Services (QCS)”, “IBD Certifications Ltd”, “IMO Control Latinoamérica Ltda.”, “IMO Control Private Limited”, “Indocert”, “IMOswiss AG”, “International Certification Services, Inc.”, “Istituto Certificazione Etica e Ambientale”, “Japan Organic and Natural Foods Association”, “LACON GmbH”, “Letis S.A.”, “NASAA Certified Organic Pty Ltd”, “ÖkoP Zertifizierungs GmbH”, “Onecert, Inc.”, “Oregon Tilth”, “Organic agriculture certification Thailand”, “Organic Certifiers”, “Organic crop improvement association”, “Organic Standard”, “Organización Internacional Agropecuaria”, “Organska Kontrola”, “QC&I GmbH”, “Quality Assurance International”, “Soil Association Certification Limited”, “Suolo e Salute srl” u “Uganda Organic Certification Ltd”, il-punt 5 jibidel b’li ġej:

“5. It-tul taż-żmien tal-inklużjoni: sat-30 ta’ Ġunju 2018.”

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/932**

**tas-17 ta' Ġunju 2015**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 152,1 |
| | MK | 77,9 |
| | TR | 70,7 |
| | ZZ | 100,2 |
| 0707 00 05 | AL | 13,4 |
| | MK | 36,2 |
| | TR | 121,6 |
| | ZZ | 57,1 |
| 0709 93 10 | TR | 123,1 |
| | ZZ | 123,1 |
| 0805 50 10 | AR | 105,4 |
| | BO | 147,7 |
| | BR | 107,1 |
| | ZA | 149,4 |
| | ZZ | 127,4 |
| 0808 10 80 | AR | 166,2 |
| | BR | 100,7 |
| | CL | 133,3 |
| | NZ | 128,8 |
| | US | 180,2 |
| | ZA | 127,9 |
| | ZZ | 139,5 |
| 0809 10 00 | TR | 244,3 |
| | ZZ | 244,3 |
| 0809 29 00 | TR | 332,4 |
| | ZZ | 332,4 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/933

## tas-17 ta' Ġunju 2015

## li jiffissal-koeffiċjent(i) ta' allokazzjoni li għandhom jiġu applikati għall-kwantitajiet li għalihom japplikaw il-liċenzji ta' importazzjoni ppreżentati mill-5 sat-12 ta' Ġunju 2015 fil-kuntest tal-kwota tariffarja miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 għal xi ċereali li joriġinaw mill-Ukraina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 188(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 416/2014 ([2]) fetaħ kwoti tariffarji tal-importazzjoni għal xi ċereali li joriġinaw mill-Ukraina.

(2) L-Artikolu 1(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 ffissa għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015, il-kwantità tal-kwota bin-numru tal-ordni 09.4306 għal 950 000 tunnellata.

(3) Il-kwantitajiet li għalihom japplikaw l-applikazzjonijiet tal-liċenzji għall-importazzjoni introdotti mill-5 ta' Ġunju, mis-13:00 sat-12 ta' Ġunju 2015 sas-13:00, ħin ta' Brussel, għall-kwota/i li għandhom in-numru tal-ordni 09.4306, huma superjuri għall-kwantitajiet disponibbli. Għalhekk, jeħtieġ li jiġi ddeterminat sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, billi jiġi(u) stabbilit(i) il-koeffiċjent(i) tal-allokazzjoni li għandu/hom jiġi/u applikat(i) għall-kwantitajiet mitluba taħt il-kwota/i kkonċernata/i, ikkalkulati skont l-Artikolu 7(2), tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006 tal-Kummissjoni ([3]).

(4) M'għandhomx jinħarġu aktar liċenzji għall-importazzjoni għall-kwota(i) tariffarja(i) li għandhom in-numru tal-ordni 09.4306, prevista[i] fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014 għall-perjodu tal-kwota attwali.

(5) Sabiex ikun hemm garanzija li l-miżura hija effiċjenti, jeħtieġ li r-Regolament jidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. Il-kwantitajiet li għalihom japplikaw l-applikazzjonijiet tal-liċenzji għall-importazzjoni relevanti tal-kwota[i] li għandha[hom] in-numru tal-ordni 09.4306 u li huma elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014, introdotti mill-5 ta' Ġunju, mis-13:00 sat-12 ta' Ġunju 2015 sas-13:00, 1 sat-2 ta' Jannar 2015, fis-13:00, ħin ta' Brussell, għandu jkollhom koeffiċjent ta' allokazzjoni ta' 39,550366 % għall-applikazzjonijiet ippreżentati fil-kuntest tal-kwota tariffarja li għandha numru tal-ordni 09.4306.

2. Il-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda għal-liċenzji, fil-kuntest tal-kwota/i li għandhom in-numru tal-ordni 09.4306, imsemmija fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 416/2014, hija sospiża mit-12 ta' Ġunju 2015, fis-13.00, ħin ta' Brussell, għall-perjodu tal-kwota attwali.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 416/2014 tat-23 ta' April 2014 li jiftaħ u jipprevedi għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni għal xi ċereali li joriġinaw mill-Ukraina (ĠU L 121, 24.4.2014, p. 53).
([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni (ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-iżvilupp rurali*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE, Euratom) 2015/934 TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

**tat-12 ta' Ġunju 2015**

**li taħtar Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja**

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mandati ta' erbatax-il Imħallef u erba' Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja waslu biex jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2015. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/336/UE ([1]) żiedet l-għadd ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għal ħdax, b'effett mis-7 ta' Ottubru 2015. Għalhekk jeħtieġ li jsiru ħatriet għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021.

(2) Is-Sur Michal BOBEK ġie nnominat għall-post ta' Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(3) Il-kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar kemm hu adatt is-Sur Michal BOBEK fil-qadi tad-dmirijiet ta' avukat ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Michal BOBEK huwa b'dan maħtur Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2015 sas-6 ta' Ottubru 2021.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ġunju 2015.

*Il-President*

I. JUHANSONE

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/336/UE tal-25 ta' Ġunju 2013 li żżid l-għadd ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 179, 29.6.2013, p. 92).

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2015 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TUNEŻIJA

**tas-17 ta' Marzu 2015**

**dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija (2013–2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġjata fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat [2015/935]**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-TUNEŻIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, u b'mod partikolari l-Artikolu 80 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 80 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim") jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet xierqa, għall-iskop li jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim.

(2) B'mod konformi mal-Artikolu 90 tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim u għandhom jaraw li l-għanijiet stipulati fil-Ftehim jintlaħqu.

(3) Il-Partijiet approvaw it-test tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Tuneżija (2013-2017) li jimplimenta s-sħubija privileġġjata (il-"Pjan ta' Azzjoni") fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

(4) Dan il-Pjan ta' Azzjoni għandu jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Ftehim permezz tat-tfassil u l-adozzjoni, bi qbil bejn il-partijiet, ta' miżuri konkreti li jipprovdu gwida prattika għal din l-implimentazzjoni.

(5) Il-Pjan ta' Azzjoni għandu l-għan, min-naħa li jippreżenta miżuri konkreti għat-twettiq, mill-partijiet, tal-obbligi li huma għandhom skont il-Ftehim u min-naħa oħra li jipprovdi qafas aktar wiesa' għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u t-Tuneżija, sabiex jintlaħaq livell għoli ta' integrazzjoni ekonomika u approfondiment tal-koperazzjoni politika, b'mod konformi mal-għanijiet ġenerali tal-Ftehim,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

*Artikolu Uniku*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrakkomanda li l-partijiet jimplimentaw il-Pjan ta' Azzjoni ([2]), sakemm din l-implimentazzjoni jkollha l-mira li jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2015.

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

*Il-President*

F. MOGHERINI

([1]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

([2]) Ara d-dokument st 15164/14 ADD 1, p. 5, fuq http://register.consilium.europa.eu

# RETTIFIKA

## Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1242/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew Marittimu u s-Sajd rigward il-preżentazzjoni ta' data (dejta) kumulattiva rilevanti dwar l-operazzjonijiet

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 334 tal-21 ta' Novembru 2014)*

F'paġna 13, fl-Anness I, fl-entrata Nru 19, fit-tieni kolonna tat-Tabella:

*minflok:* "Indikatur tal-output",

*aqra:* "Indikatur tal-produzzjoni".

---

## Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1243/2014 tal-20 ta' Novembru 2014 li jistabbilixxi regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tintbagħat mill-Istati Membri, kif ukoll dwar ir-rekwiżiti tad-data (dejta) u s-sinerġiji bejn sorsi potenzjali tad-dejta

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 334 tal-21 ta' Novembru 2014)*

F'paġna 43, fl-Anness I, fil-Parti D, fit-tabella, fil-linja 19, fit-tieni kolonna:

*minflok:* "Indikatur tal-output",

*aqra:* "Indikatur tal-produzzjoni".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT